**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 65

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 65 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 13 ta'Ġunju, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku

Skużat

- Mario Joseph Salerno — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

### 65.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Salerno

### 65.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (64)

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Fuq rikjesta tal-Viċi Sindku Carlos Zarb il-kunsill approva li tiddaħħal is-segwenti sentenza. Insurance għal attivita' imtella mill-kunsill għar-risponsabilita'tal-kunsill. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 64 hekk kif ikkoreġuti.

### 65.3 Punti mill-Minuti

***Junior Science Club***
Is-sezzjonijiet ta' xjenza għat-tfal se jinżammu fil-Kulleġġ Maria Reġina, Qawra.

***Bike racks plus bike repair kit***
F'Malta ma jidhirx li hawn aġenti u b'hekk saret verifika ma DLG dwar il-proċess meħtieġ biex jinxtraw direttament minn barra l-pajjiż. Ġiet innotata l-burokrazzija biex dan iseħħ.

### 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

- **Vandaliżmu kontinwu**

Il-kunsill ġie nfurmat dwar l-ammont kbir ta' vandaliżmu li qed jiżdid fil-lokalita'.

*Mirja tat-traffiku*

Fl-2022 biss, il-mirja kollha tat-traffiku fil-Wardija tkissru minn ta' l-anqas 3 darbiet u dawk fil-Bidnija u San Martin ftit anqas.

*Graffiti u Tabelli*

Qed tiżdied ukoll il-kitba fuq il-ħitan u bins, u vandaliżmu bla rażan fuq it-tabelli.

*Latrini pubbliċi*

Il-latrini pubbliċi, kontinwament isirilhom kull tip ta' vandaliżmu fejn apparti tkissir ta' 9 flushing sensors, serq ta' pompa, ħsarat u serq ta' partijiet minn flushings, seats u vitin, qed jintefa materjal biex jinstad id-drenaġġ. Apparti l-eluf ta' Euro f'danni, lokalment mhux jinstabu parts biex jinbidel dak meħtieġ.

Il-kunsill qabel li jittieħed parir legali mingħand l-avukat tal-kunsill dwar installazzjoni ta' CCTVs fil-komun ta' latrini pubbliċi.

- **Sit fi Triq it-Turisti kantuniera ma Triq l-Imsell u Triq Mazzola**

Is-Sindku Alfred Grima ippreżenta site plans maħruġa mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u l-Awtorita ta' l-Artijiet, li jidher li l-blokkok tal-ġebel tpoġġew fuq art privata. Is-Sindku qal li jiddispjaċih jirrimarka, li dan l-ilment ġie konkluż wara verifika li saret u kaġun li l-informazzjoni mogħtija mill-Awtorita ta' l-Artijiet tidher li kienet skorretta. Informa, li l-applikazzjoni għal ġbir ta' informazzjoni LC1 fissret stennija ta'diversi ġimgħat għal risposta u €355 ħlas lill-perit tal-kunsill biex daħħal applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Artijiet.

L-iżviluppatur ta' l-istess sit ressaq rikjesta, u l-kunsill laqgħa, biex jiltaqa mall-kunsill dwar proġett li possibbli jsir għal benefiċċju ta'kulħadd. Is-Sindku ddikjara konflitt ta' interess u għalhekk l-ingarigu tal-laqgħa tħalla f'idejn il-Viċi Sindku biex jikkordina.

- **Parlament taż-Żgħażagħ**

  Il-kunsill innomina lil S. Camilleri biex tipparteċiepa f'sezzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ.

- **Luzzu**
  Il-kunsill approva li titqabbad persuna biex tiżboħ il-luzzu li ġie restawrat b'mod volontarju mis-Sur Toni Azzopardi.

- **Knis fil-lokalita'**
  Il-kunsill approva li tinħareġ RfQ għal xiri ta' servizz ta' knis b'urġenza.

- **Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ**
  L-ispiża abbinata mat-tiġrif tal-ħajt mistennija li titla ċirka €9,898.64 + ħlas ta' krejn u Avukat. Minn dan l-ammont €3,416.52 għar-rapport imħejji mill-perit qed jiġu kkontestati mill-kunsill.

  Il-kunsill approva nem.con li dwar dan il-każ jinfetħu proċeduri legali jekk meħtieġ.

**65.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**65.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**Ingaġġ ta' ħaddiema General Operative Hand skala 18**
12 ta' Ġunju 2023, inżammu l-intervisti għal persuni li jirreġistraw part 1 u 2. Minn lista ta' 45 persuna applikaw 8 u attendew għal intervista 5. Persuna waħda ġabet il-marki meħtieġa u għalhekk il-Bord irrakomanda li tiġi mpjegata.
Il-kunsill approva nem.com li r-rapport jiġi approvat kif tressaq.

**65.7 Daqq ta' mużika għolja**

Kontinwament il-kunsill qed jidħlu lmenti dwar daqq ta' mużika għolja mill-lukanda Bora Bora u minn xi stabbilimenti tad-divertiment. Minkejja li l-kunsill ġibed l-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti għal diversi drabi, is-sitwazzjoni baqgħet tippersisti b'detriment għar-residenti, fosthom dawk f'dar ta' l-anzjani.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali qabel li tintbagħat ittra lill-Awtoritajiet kompetenti biex jieħdu passi drastiċi fil-konfront ta' min kontinwament qed jiddisturba l-paċi pubblika billi idoqq mużika b'volum għoli u/jew iħalli storbju fil-propjeta' tiegħu bi ksur ċar ta' liġi.

**65.8 PA 05952/21 & PA 06179/21 - Sunny Coast Lido**
Ġew ippreżentati ritratti li juru li bil-bini tal-ħajt qrib id-daħla tal-parkeġġ tal-Lido viċin it-triq ta' mall-baħar eżistenti fi Triq il-Qawra ġie eliminat l-aċċess li kien hemm u għalhekk ġie suġġerit li ssir xi pjattaforma ta' l-injam.

Ġew preżentati ukoll kopja tal-pjanti li l-iżviluppatur kien ippreżenta lill-kunsill waqt il-preżentazzjoni tal-proġett. Intqal, li aktar minn 1,300 metru kwadru ta' art se tgħaddi lura għand il-poplu wara aktar minn 40 sena f'idejn il-privat, fosthom pjazza pedonali.

Ġie rrimarkat, li għajr għall-kunsill l-ebda għaqda u/jew individwu ma daħħal oġġezzjoni jew

rappreżentazzjoni ma l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kontra l-proġett, dan minkejja li l-proġett kien ġie diskuss fuq il-midja għal ġimgħat sħaħ.

Il-kunsill qabel li jitqabbad il-perit biex jivverifika jekk l-iżvilupp li sar huwiex skond il-pjanti u l-permessi maħruġa.

**65.9 Garaxx f'Burmarrad mikri lill-kunsill**

Sid il-garaxx ta' Burmarrad li l-kunsill kien kera mingħandu fl-2009 wara ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet, irid li tinħareġ sejħa pubblika għax l-ammont tal-kera ma jirriflettix iż-żmien ta' illum. Dwar dan il-kunsill kien talab parir ta' l-Avukat fit-30 ta' Mejju 2023, biss sad-data ta' din il-laqgħa r-risposta ma waslitx il-kunsill. Kien hemm qbil li jintalab parir mingħand l-avukat ġdid tal-kunsill Dr.Amadeus Cachia.

**65.10 MOU – Bini ta' Ċentru Ċiviku**

Il-Kunsill approva nem.con l-iffirmar ta' MOU mad-Dipartiment tax-Xogħollijiet sabiex l-entita' tkun risponsabbli li tipprovdi servizz professjonali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku fi Tiq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar. Dan jiġi ffirmat għab-bażi li l-art tiġi devoluta. Il-Kunsill irringrazzja lil Onor. Ministru Dr.Stefan Zrinzo Azzopardi u lid-Dipartiment għall-koloborazzjoni tagħhom.

**65.11 Affarijiet Oħra**

Għal-fini ta' liġi ġie mfakkar, li biex suġġett jitqiegħed għad-diskussjoni fuq l-Aġenda għandu jiġi rreġistrat u jinġieb għall-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiv u s-Sindku qabel tinħareġ l-Aġenda.

*65.11.1 Stedina minn Oroslavje – Day of the City*

Il-Kunsill Lokali ta' Oroslavje li għandu iffirmat twinning mall-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, bagħat stedina, biex 3 rappreżentanti tal-kunsill jattendu ċ-ċerimonji relatati ma Jum il-Belt, li se jinżammu bejn 11 u 13 ta' Awwissu 2023.

Il-Kunsill approva nem.con li għal dawn l-attivitajiet jitħallsu lis-spejjes relatati biex jattendu s-Sindku, il-Kunsillier Chris Vella Petroni u s-Segretarju Eżekuttiv.

*65.11.2 E-Scooters – Rapport*

B'referenza għall-laqgħa tal-kunsill numru 55, il-membri tal-Bord, is-Sindku Alfred Grima u l-Viċi Sindku Carlos Zarb żammew laqgħa mall-kumpanija Bolt li minn naħa tagħha bagħtet kontra proposti għad-29 sit propost mis-Sindku. Għal din il-laqgħa l-Kunsillier Christ Vella Petroni talab li jkun skużat.
Dwar il-proposti tal-kumpanija Bolt, is-Sindku qal li huwa kostrett li jippreżenta ħsibijietu biss u mhux tal-Bord kaġun li għadu ma rċiviex il-kummenti tal-membri l-oħra.

*65.11.3 Pjattaforma ma xtajta - PA/01737/15*

Intqal, li l-pjattaforma ila tiġi armata mis-Sajf 2018 għajr fi żmien il-pandemija Covid 19. Il-lukanda nkwistjoni għandha titlu fuq l-art mogħti mill-Awtorita ta' l-Artijiet. Minn verifika li saret jirriżulta, li l-permessi ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar inħarġu fit-22 ta' Frar, 2017. Dak iż-żmiem, l-ebda oġġezzjoni ma ddaħlet mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Ma jirriżultax l-anqas, li ddaħlet rappreżentazzjoni mill-kunsill meta fit-28 ta' Marzu 2017, kienet iddaħlet rikjesta ma l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għar-rikonsiderazzjoni tad-deċiżżjoni fejn fl-24 ta' Jannar 2018 din ma ntlaqatx.

*65.11.4 Lejla Pawlina – 15 ta' Lulju 2023*

Il-Kunsill approva r-rikjesta għall-kolloborazzjoni mal-Kumitat Festa Marija Sultana tal-Martri San Pawl il-Baħar biex tittella Lejla Pawlina. Baġit massimu €1,000.

*65.11.5 Gospel Musical Concert - Rikjesta għal użu tal-Pjazza ta' Buġibba*
Il-Kunsill Lokali approva li l-attivita' tittella fil-picnic area ta' fejn l-Akkwarjum Nazzjonali fit-8 ta' Settembru 2023.

*65.11.6.* Xi Traġedja – *theatrical show*
Il-Kunsill Lokali approva nem.com li jilqa' ir-rikjesta mressqa biex jikkolobora f'inizzjattiva biex jittellaw żewġ wirjiet teatrali ta' siegħa u nofs il-waħda bi spiża ta' €1,200 + vat. Bil-kundizzjoni li l-ewwel attivita' tinżamm f'San Pawl il-Baħar u li tkun bla ħlas għal kull min jattendi.

*65.11.7 Applikazzjoni permess użu ta' belvedere*
Il-Kumitat Festa ressaq rikjesta biex nhar id-29 ta' Lulju 2023, lejliet il-festa, jagħmlu użu esklussivament mill-belvedere ta' fejn it-Torri Wignacourt biex jorganiżżaw ikla li jkollom 3 parkeġġi riservati quddiem l-entraturi tat-torri.

Is-Sindku Alfred Grima qal li hu se jappoġġja dak deċiż mill-kunsill biss fakkar illi, id-deċiżjoni li se tittieħed llum se timpatta fuq dak li jista jiġri fis-snin segwenti. Fejn persuna ma tistax tiġi mċaħħda minn permess għal attivita' simili fl-istess jum mingħajr raġuni validissima.

Il-kunsill approva r-rikjesta u li jiġi riservat parkeġġ wieħed quddiem il-belvedere.

*65.11.8 Tagħlim ta' lingwa Maltija u/jew Ingliża lil persuni Ukreni*
Is-Segretarju Eżekuttiv ingħata l-inkarigu li f'laqgħa oħra jinforma lill-kunsill dwar dak li kien deċiż dwar tagħlim ta' lingwa Maltija u/jew Ingliża.

**65.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

*65.12.1 SPBLC 3508 Kids Park Cassarino Street - Enemalta works*
Il-Kunsill Lokali approva ħlas addizzjonali ta' €8,362 + vat biex jiġu eliminati cables tad-dawl milli jaqsmu l-ġnien minn naħa għal oħra.

*65.12.2 Servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart imħallat*
Il-kunsill approva li jinxtara servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart imħallat, fl-akkwati tal-boat houses f'ta' Ta Fra Ben sa Triq tax-Xtut, Qawra.

**65.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**
Il-Kunsillier Alfred Bray u Chris Vella Petroni ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata kif tressqet. L-iskeda ġiet approvata nem.con.

**65.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**
Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.00 hrs u aġġornata għal 3 ta' Awwissu 2023 fil-17.30 hrs

**Approvati fit-3 ta' Awwissu, 2023**

Alfred Grima
Sindku

Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv